MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 444/2005

**Jason Tonna.**

**vs.**

**Marco Vassallo u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2005 s-socjeta` GasanMamo Insurance Limited (3143) giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in *statu et terminis*.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Mejju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fl- 4 ta' Novembru 2003, ghall-habta tan-12.30 p.m., waqt li l-attur kien qed isuq vettura Peugeot 106 Nru. RIT

080 go triq Lewis Wettinger, Mellieha, huwa safa nvolut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Toyota MR2 Nru. DAE 418 misjuqa mill-konvenut (Dok. "ZMI" sa Dok. "ZM7");

Illi bhala konsegwenza ta' l-incident, l-attur garrab "*damnum emergens*" konsistenti minn spejjes medici, spejjes farmacewti u telf ta' introjtu mix-xoghol tieghu, kif ukoll "*lucrum cessans*" minhabba l-fatt li sofra griehi gravi fil-persuna tieghu tant li ghadu qed ibati minn debilita` permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku datat (Dok "ZM8" sa Dok "ZM42");

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut, interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;

2. Tillikwida d-danni kollha ta' l-attur *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah sabiex ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut minnu *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-7 ta' Frar 2005 u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri *a tenur* **tal-Kap 104** tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti minn fol. 4 sa fol. 43 tal-process liema dokumenti huma mmarkati bhala Dok “ZM1” sa Dok “ZM42”;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-22 ta’ Gunju 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta’ Gunju 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Marco Vassallo datata 20 ta’ Lulju 2005 a fol. 51 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi kuntrarjament ghal dak li jallega l-attur fic-citazzjoni, l-eccipjent m’huwiex unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku riferit fic-citazzjoni u lanqas ma huwa responsabbli ghall-pretizi danni li l-attur jghid li garrab bhala konsegwenza.

2. Illi, konsegwentement, l-eccipjent ghandu jigi liberat mit-tliet domandi mressqa mill-attur fic-citazzjoni precitata.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-istess konvenut a fol. 51 u 52 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited datata 17 ta’ Awissu 2005 (fol.54) fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited sabiex tintervjeni fil-kawza odjerna in *statu et terminis*, u dan filwaqt illi tordna kwalunkwe provediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi. Il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien hamest ijiem utili ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel

Cuschieri tat-12 ta’ Ottubru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Joseph Zammit McKeon u l-konvenut Vassallo li ta ruhu notifikat bl-avviz tas-smiegh. Il-Qorti, b’referenza ghar-rikors maghmul mis-socjeta` GasanMamo fis-17 ta’ Awissu 2005 u wara li hadet konjizzjoni tar-risposta tal-kontro-parti, laqghet it-talba u awtorizzat lill-istess socjeta` tintervjeni fil-kawza u provvizorjament a spejjez taghha. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Jannar 2006 ghall-prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur u provi *viva voce* ta’ l-istess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta tas-17 ta’ Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit Mckeon ghall-attur prezenti u Dr. Michael Zammit Maempel ghall-intervenut fil-kawza. Il-konvenut u d-difensur tieghu Dr. J. Buttigieg issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Zammit McKeon informa l-Qorti li ser jipprezenta l-affidavit ta’ l-attur dakinhar stess. Xehed Joseph Zammit prodott mill-attur u li pprezenta wkoll ir-relazzjoni tieghu bhala Espert Tekniku li huwa mmarkat Dok “JZ1”. Dr. Zammit McKeon iddikjara li fi tliet (3) seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju jaghlaq il-provi. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnalha li zzomm tliet (3) seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi kollha ta’ l-attur, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Gunju 2006 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 18 ta’ Jannar 2006 (fol. 99) li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess immarkati bhala Dok “JT3”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-20 ta’ Marzu 2006 fejn xehed Mario Buttigieg prodott mill-attur u li pprezenta wkoll dokument li gie mmarkat Dok “MB1”; u tas-6 ta’ Lulju 2006 fejn xehdu l-Perit Valerio Schembri, Mr. Francis Darmanin, is-Surgent P.S. 1096 Edmond Cuschieri, David Farrugia, Simon Schembri, Surgent Maggur Saviour Garcia ex P.S. 614.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta' Gunju 2006; tal-31 ta' Ottubru 2006; u tal-5 ta' Dicembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-attur prezenti. Il-konvenut issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Michael Zammit Maempel ghall-intervenut fil-kawza ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti rrilevat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006, Dr. Michael Zammit Maempel deher ghas-socjeta` intervenuta fil-kawza u mhux ghas-socjeta` kjamata fil-kawza. Il-Qorti rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda affidavit fit-terminu lilu moghti u ghalhekk iddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa. Dr. Joseph Buttigieg prezenti kkonferma li kien irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut. Dr. Joseph Zammit McKeon tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha relattivi nkluzi dawk ipprezentati mill-partijiet u l-intervenut fil-kawza.

Rat id-d-digrieti kollha relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' danni istitwieta mill-attur konsegwenti ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-4 ta' Novembru 2003, ghal habta tan-12.30 p.m., meta l-attur kien qed isuq l-vettura Peugeot 106 Reg. Nru. RIT - 080 go Triq Lewis Wettinger, Mellieha, meta huwa safa nvolut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Toyota MR2 Nru. DAE - 418 misjuqa mill-konvenut, u ghalhekk qed jitlob li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbbli ghall-isetess incident u kkundannat ihallas id-danni li qed jitlob li jigu likwidati f'dan il-gudizzju.

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li l-attur kien ghaddej fl-imsemmija Triq Lewis Wettinger, Mellieha mid-direzzjoni ta' l-Ghadira sejjer lejn ir-*roundabout* ta' hdejn il-Belle View, meta mid-direzzjoni opposta kie gej il-konvenut li kien qed isuq il-vettura Reg. No. DAE – 418 fuq in-naha hazina tat-triq u spicca *head on* fil-karozza ta' l-attur li soffriet hsarat estensivi kif indikat fl-okkorrenza u r-ritratti esebiti mac-citazzjoni attrici bhala Dok. "ZM2" sa Dok. "ZM 7" (fol. 9 sa fol. 14).

Illi ma hemm l-ebda dubju li s-sewqan tal-konvenut kien il-kawza ta' l-incident li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, kif jidher mill-istess okkorrenza, mill-mod kif iz-zewg vetturi spiccaw *"total loss",* u wkoll mir-rapporti teknici esebiti fil-process inkluz dak ta' Joseph Zammit u ta' Mario Buttigieg (Dok. "MB 1") u l-istess xhud anke ta x-xhieda tieghu u kkonferma l-istess fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2006 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli – fol. 109 *et sequitur*;  dan jinsab ukoll korroborat mill-okkorrenza (Dok. "EC") u x-xhieda tas-Surgent Maggur Saviour Garcia, u ta' David Farrugia; apparti dan jidher li l-istess konvenut li kien gej mid-direzzjoni opposta pprova jaqbez trakk li kien quddiemu f'post veru perikoluz b'velocita' tremenda ta' cirka 107 mil fis-siegha b'mod li spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, u sab lill-attur *"on the proper side"* u laqtu *head on,* b'dan li jihder car li l-istess konvenut ittenta jaghmel sorpass bla ma accerta ruhu li setgha jaghmel dan minghajr ebda perikolu ghall-utenti tat-triq.  F'dan is-sens hija x-xhieda ta' l-attur, li hija ikkorroborata mir-*road accident report*, u mill-atti kollha prezentati f'din il-kawza, u jidher li l-konvenut tant kien qed isuq b'mod negligenti u b'velocita' eccessiva, u fuq minhabba s-sorpass maghmul minnu bla ebda prekawzjoni ta' xejn, li l-impatt kien wiehed enormi, u jidher li kien b'miraklu li l-attur ma mietx. Kawza ta' dan l-incident l-istess attur soffra diversi griehi fuq il-persuna tieghu, u kellu jkun sottopost ghall-diversi operazzjonijiet u xorta wahda baqa' jsofri minn disabilitajiet permanenti kif jirrizulta mill-atti tal-kawza u kif ser jinghad iktar il-quddiem. F'dan is-sens il-konvenut ma gab ebda provi

sabiex jikkontradixxi l-istess, jew sabiex b'xi mod jsostni l-eccezzjonijiet tieghu.

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza **"Elmo Insurance Agency Limited nomine et vs Charlo Cachia"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2002) fejn inghad li kien il-konvenut li kien jahti ghall-istess incident:-

*"ghaliex kemm minhabba l-velocita` li kien ghaddej fiha, u kemm minhabba l-fatt li ma zammx proper look out, u kif ukoll peress li kien gja kommess li jaghmel l-istess sorpass meta l-karozza l-ohra kienet diga quddiemu fuq il-crown of the road, huwa pogga ruhu fi stat ta' self inflicted incapacity*, *li wassal li sar l-impatt, li bis-sewqan tal-konvenut, kien in verita` inevitabbli, peress li l-komportament tieghu kien tassew negligenti".*

Illi dan huwa iktar evidenti fil-kaz in ezami tant li jista' jinghad li jidher car mill-provi prodotti, u mir-rapporti esebiti li r-responsabbilta' ta' l-incident kienet kollha kemm hija fuq il-konvenut, li saq b'mod ghal kollox traskurat u bla ebda attenzjoni, u allura ma hemm ebda dubju li l-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-istess incident u b'hekk l-ewwel talba attrici ghandha u qed tigi milqugha.

Illi dwar id-danni sofferti hemm il-hsarat sofferti fil-karozza ta' l-attur li spiccat *total loss* kif certifikat mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit u esebit bhala Dok. "JZ 1" u l-valur ta' l-istess karozza kien ta' Lm3,500; barra minn dan kellu spejjez medicinali, spejjez ta' konsulti medici u spejjez ancillari fl-ammont ta' Lm286.01 skond id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici minn Dok. "ZM18" sa Dok. "ZM 42", u ghalhekk l-ammont ta' *damnum emergens* kien ta' Lm3,786.01.

Illi kawza ta' l-istess incident l-attur wkoll soffra dizabbilta` permanenti ta' 12% kif indikat fic-certifikat mediku mahrug minn Mr. Frederick Zammit Maempel datat 22 ta' Jannar 2005 li ghalih qed issir riferenza u li jinsab esebit bhala Dok. "ZM 8" (fol. 15 sa 18) u dan minhabba n-nuqqasijiet fil-moviment tal-minkeb tal-lemin kollox kif medikament spjegat fl-istess rapport u wkoll jidher li sofra dizabilitajiet

permanenti ohra minhabba diformita' estetika fl-istess minkeb u wkoll fir-*right loin*, u dan fil-percentagg ta' 14% u dan kif spjegat fic-certifikat mediku ta' Mr. Francis X. Darmanin datat 18 ta' Marzu 2005 (Dok. "ZM 9" – fol. 19) u b'hekk id-dizabilita' permanenti sofferta mill-attur tammonta ghall-26% u peress li jidher li l-istess dizabilitajiet riskontrati huma hekk distinti minn xulxin mill-istess certifikati esebiti; dawn l-istess certifikati bl-ebda mod ma gew ikkontestati fi stadju tal-provi la mill-konvenut u lanqas mis-socjeta' intervenuta fil-kawza.

Illi dwar l-introjtu ta' l-attur jidher li fis-sena 2003 huwa kellu paga ta' Lm3,978.77 (Dok. "ZM14") u ghalhekk din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' paga tenut kont li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni wkoll iz-zieda fil-potenzjal tad-dhul skond id-decizjonijiet fl-ismijiet **"Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005); **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (JRM) – 9 ta' Dicembru 2004) u dak li wkoll gie msejjah bhala *moltiplicand* fil-kawza fl-ismijiet **"Middle Sea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila"** (P.A. (NC) – 8 ta' Ottubru 2004), u dan anke abbazi ta' dokumenti ohra esebiti f'din il-kawza u ghalhekk fuq il-bazi ta' dan kollu din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' Lm5,000.

Illi meta gara l-incident l-attur kellu 25 sena u l-*multiplier* ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejhu bhala *"the chances and changes of life'* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera

*multiplier* ta' wiehed tlettin (31) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- **Lm5,000 x 31 x 26% = Lm40,300**

*In vista* tal-gurispudenza recenti mbaghad, *in vista* tal-fatt li ghaddew tlett (3) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew il-fuq minn tlett snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 12% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm4,836 ghall-Lm35,464.

Illi dan l-ammont ta' Lm35,464 ghandu jizdied mal-ammont ta' Lm3,786.01 li jwassal ghal total ta' danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm39,250.01. u ghalhekk it-tieni u t-tielet talba ghandha tigi milqugha f'dan l-ammont ta' disgha u tletin elf, mitejn u hamsin lira Maltija u centezmu (Lm39,250.01) li ghandhom jithallsu mill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;

2. Tillikwida d-danni kollha ta' l-attur fl-ammont ta' disgha u tletin elf, mitejn u hamsin lira Maltija u centezmu (Lm39,250.01).

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ disgha u tletin elf, mitejn u hamsin lira Maltija u centezmu (Lm39,250.01) *in linea* ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tas-7 ta’ Frar 2005 u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-kumpanija ta’ assikurazzjoni tal-konvenut bic-citazzjoni attrici *a tenur* **tal-Kap 104** tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------